

Brussell, 22 ta' Frar 2024
(OR. en)

6947/24

ECOFIN 237
UEM 43
FIN 187
CADREFIN 44

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	22 ta' Frar 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2024) 82 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI It-tisħiħ tal-UE permezz ta' riformi u investimenti ambizzjużi

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 82 final.

Mehmuż: COM(2024) 82 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.2.2024
COM(2024) 82 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

It-tisħiħ tal-UE permezz ta' riformi u investimenti ambizzjużi

{SWD(2024) 70 final}

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĠJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

It-tisħiħ tal-UE permezz ta' riformi u investimenti ambizzjużi

Din il-Komunikazzjoni timmarka l-punt ta' nofs triq tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF). Imfassla bħala rispons għall-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali mill-pandemija tal-COVID-19 u stabbilita fi Frar 2021, l-RRF hija l-qofol tan-NextGenerationEU (NGEU), l-istrument ta' rkupru tal-UE. Mistennija li ddum sa tmiem l-2026, l-RRF hija bla preċedent kemm fl-iskala kif ukoll fl-ambizzjoni. Dan kellu l-oġettiv doppju li jgħin lill-Istati Membri jirkupraw u joħorġu aktar b'saħħithom mill-effetti ekonomiċi u soċjali devastanti tal-pandemija kif ukoll li jagħti spinta lir-reżiljenza tal-UE u jagħmel l-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħna adatti għall-futur, speċjalment billi jappoġġa t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. L-RRF hija l-ewwel programm ewlieni ta' finanzjament tal-UE bbażat fuq il-prestazzjoni, li jiżborża fondi lill-Istati Membri kontra l-progress li sar lejn ir-riformi u l-investimenti ambizzjużi mressqa fil-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (RRP) tagħhom. Dawn ir-riformi u l-investimenti jridu jkunu konformi mal-prijoritajiet tal-UE identifikati fir-Regolament RRF u jindirizzaw l-isfidi nazzjonali identifikati fis-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika u soċjali permezz ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs).

Fit-tliet snin mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament RRF, l-Istati Membri użaw l-RRF b'mod strateġiku biex javvanzaw l-aġendi ta' riforma u ta' investiment tagħhom u jindirizzaw kemm sfidi li ilhom jeżistu kif ukoll sfidi ġodda. Diġà ġew żborżati EUR 225 biljun u madwar 75 % tal-istadji importanti u l-miri ppjanati li jintlaħqu sa tmiem l-2023 jew diġà ġew iavalutati mill-Kummissjoni bħala milħuqa b'mod sodisfaċenti jew huma rrapportati bħala kkompletati mill-Istati Membri. Barra minn hekk, permezz tal-RRPs tagħhom, l-Istati Membri għamlu progress sinifikanti fl-indirizzar tas-CSRs maħruġa fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

L-RRF tappoġġa b'mod effettiv l-irkupru ekonomiku fl-UE. Madwar nofs iż-żieda fl-investiment pubbliku mistennija fl-UE bejn l-2019 u l-2025 hija stmata li tirriżulta minn investimenti ffinanzjati mill-baġit tal-UE, b'mod partikolari l-RRF¹. L-immudellar tal-Kummissjoni² jissuġġerixxi li l-NGEU³ għandu l-potenzjal li jżid il-PDG reali tal-UE b'sa 1,4 % fl-2026 aktar minn xenarju mingħajr NGEU. Is-simulazzjonijiet mudell jissuġġerixxu wkoll żieda mdaqqsqa u fuq medda qasira ta' żmien fl-impjiegi fl-UE (sa 0,8 %). Dan huwa pproġettat li jkun akkumpanjat minn pagi reali persistentement ogħla fit-terminu medju, li jirriflettu gwadanji potenzjali fil-produttività mill-

¹ Ara t-Tbassir Ekonomiku Ewropew — Ħarifa 2023, disponibbli fuq: https://economy-finance.ec.europa.eu/economic-forecast-and-surveys/economic-forecasts/autumn-2023-economic-forecast-modest-recovery-ahead-after-challenging-year_mt.

L-RRF u l-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni flimkien huma s-sors ewlieni ta' finanzjament għall-investiment taħt il-baġit tal-UE.

² QUEST hija l-mudell makroekonomiku globali li d-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji (DG ECFIN) juża għall-analiżi u r-riċerka tal-politika makroekonomika, ara https://economy-finance.ec.europa.eu/economic-research-and-databases/economic-research/macro-economic-models/quest-macro-economic-model_mt. Ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal dwar l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-RRF għal aktar informazzjoni dwar ir-riżultati tal-QUEST rigward l-impatti makroekonomiċi tal-RRF.

³ L-NGEU għandu baġit totali ta' EUR 806,9 biljun (prezzijiet tal-2021), li minnhom EUR 723,8 biljun huma ddedikati għall-RRF (għotjiet u self). Benefiċjarji oħra tal-NGEU huma REACT-EU, li żiedet il-programmi tal-politika ta' koeżjoni 2014–2020 b'EUR 50,6 biljun, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (EUR 10,9 biljun), l-Iżvilupp rurali (EUR 8,1 biljun), InvestEU (EUR 6,1 biljun), Orizzont Ewropa (EUR 5,4 biljun) u rescEU (EUR 2 biljuni).

investimenti mwettqa mill-Istati Membri. Bejn kwart u terz tal-impatt totali stmat tal-PDG tal-RRF huwa pproġettat li jkun dovut għal effetti konsegwenzjali pożittivi bejn l-Istati Membri, li huma ġġenerati mill-implimentazzjoni simultanja tal-investimenti madwar l-Istati Membri.

L-RRF uriet li hija strument aġli, li jgħin lill-Istati Membri jiffaċċjaw sfidi u ċirkostanzi ġodda.

L-aggressjoni mhux provokata tar-Russja kontra l-Ukrajna kkawżat tbatija immaġinabbli fl-Ukrajna u wasslet għal tfixkil fis-suq globali tal-enerġija u fil-katina tal-provvista. Il-prezzijiet dejjem jogħlew, li ma dehrux f'għexieren ta' snin, tal-enerġija u tal-prodotti tal-konsumatur ikkawżaw kriżi tal-“għoli tal-ħajja” għal ħafna unitajiet domestiċi madwar l-Ewropa, li laqtet l-aktar lil daww vulnerabbli. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri setgħu jitolbu bidliet fl-RRPs eżistenti tagħhom biex iqisu ċirkostanzi ġodda u oġġettivi, bħal inflazzjoni għolja u tfixkil fil-katina tal-provvista. Barra minn hekk, fil-kuntest tal-pjan REPowerEU, l-Istati Membri jistgħu jibbenefikaw minn riżorsi addizzjonali biex jintroduċu kapitoli tar-REPowerEU u jagħtu spinta lir-riformi u l-investimenti li jiddiversifikaw il-provvisti tal-enerġija tal-UE, jaċċelleraw it-tranżizzjoni ekoloġika u jappoġġaw lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli.

F'nofs triq ta' dan l-istrument uniku u marbut biż-żmien, il-Kummissjoni qed tippubblika l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tagħha.

F'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament RRF, l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tivvaluta kif l-RRF qed tilħaq l-oġġettivi tagħha, abbażi tal-evidenza disponibbli s'issa. Tagħmel dan billi tikkunsidra l-ħames kriterji ta' evalwazzjoni tal-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud Ewropew. Id-dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja din il-Komunikazzjoni jipprovdi aktar dettalji dwar l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Kummissjoni. L-evalwazzjoni hija bbażata fuq diversi sorsi, inkluż studju indipendenti mwettaq minn konsorzju ta' kuntratturi esterni, li jiġi ppubblikat b'mod parallel, u konsultazzjonijiet wiesgħa⁴.

Din il-Komunikazzjoni tippreżenta l-punti ewlenin mill-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu u tqis l-implimentazzjoni tal-RRF.

It-Taqsima 1 tivvaluta l-progress li sar s'issa fl-implimentazzjoni tal-RRF, filwaqt li tiffoka fuq riżultati konkreti miksuba fil-prattika. It-Taqsima 2 tħares lejn dak li ħadem tajjeb u x'jista' jtejjeb, u tidentifika t-tagħlimiet ewlenin li ttieħdu s'issa. It-Taqsima 3 tiġbor fil-qosor u tikkonkludi, u tiddekrivi t-triq 'il quddiem.

⁴ [Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza \(2020–2024\) — evalwazzjoni ta' nofs it-terminu \(europa.eu\)](#)

1. L-implimentazzjoni tal-RRF għamlet progress viżibbli

1.1. L-implimentazzjoni wasslet għal riżultati tanġibbli fl-Istati Membri

L-Istati Membri qed iwettqu r-riformi u l-investimenti inklużi fl-RRPs tagħhom. Sa tmiem l-2023, aktar minn 1150 stadju importanti u mira kienu diġà ġew ivvalutati mill-Kummissjoni bħala milħuqa b'mod sodisfaċenti⁵. Il-kisba ta' dawn l-istadji importanti u l-miri wasslet għal riżultati konkreti fil-prattika, b'sinjali ċari li l-RRF qed tagħmel differenza reali madwar l-UE. Il-kaxxa 1 turi dan, b'eżempji ċari ta' investimenti u riformi bi progress tanġibbli diġà miksub fil-prattika, pereżempju dwar l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, l-aċċess ugwali għall-edukazzjoni, l-inklużjoni soċjali, u l-appoġġ għall-mobbiltà u t-trasport sostenibbli.

Kaxxa 1: L-RRF qed tagħti riżultati tanġibbli fil-prattika

Ċipru saħħaħ l-isforzi tiegħu fl-indirizzar tal-ippjanar aggressiv tat-taxxa. Sabiex jiġi żgurat li l-pagamenti minn Intrapriżi Multinazzjonali ma jħallux lill-UE mhux intaxxati, Ċipru adotta riforma li tintroduċi taxxa minn ras il-għajn fuq pagamenti li jsiru lil guriisdizzjonijiet "li ma jikkooperawx". Dan huwa pass importanti u se jwitti t-triq għal azzjonijiet futuri dwar din il-kwistjoni.

Il-Bulgarija ħadet passi biex ittejjeb l-adegwatezza u l-kopertura tal-iskema ta' introjtu minimu tagħha. Permezz tal-adozzjoni ta' emendi leġiżlattivi, il-Bulgarija introduċi et żieda gradwali mill-2022 għall-2024 tal-limiti tal-introjtu għall-benefiċjarji potenzjali kollha tal-iskema ta' introjtu minimu. Dan huwa pass ewlieni fl-indirizzar tal-isfidi soċjali li ilhom jeżistu fil-pajjiż.

L-Awstrija introduċi et il-"KlimaTicket", li qed jagħmel il-mobbiltà li ma tagħmilx ħsara lill-klima faċli u affordabbli. Dan jintroduċi biljett uniku b'rata fissa li jipprovdi trasport pubbliku kważi mingħajr limitu madwar l-Awstrija u skont fil-prezzijiet għall-istudenti, l-anzjani, il-persuni b'diżabbiltà u l-familji. Mit-tnedija tagħha f'Ottubru 2021, aktar minn 260,000 Awstrijak diġà xtraw il-biljetti tal-klima.

Il-Litwanja adottat il-Programm ta' Progress fl-Iskejjel tal-Millennju, biex torganizza mill-ġdid u ttejjeb l-infrastruttura tal-iskejjel u tiżgura aċċess ugwali għall-edukazzjoni għat-tfal Litwani. Il-programm għandu l-għan li jiżgura li t-tfal kollha jkollhom aċċess għal skejjel ta' kwalità għolja, irrispettivament mill-isfond tagħhom. Dan huwa kruċjali peress li l-Litwanja qed tiffaċċja disparitajiet urbani-rurali u distakk soċjoekonomiku oġġla mill-medja tal-UE fl-eżiti tal-edukazzjoni. Mill-inqas 80 % tal-muniċipalitajiet Litwani se jimplimentaw il-Programm, li jirriżulta fl-appoġġ lil 150 skola sal-aħħar ta' Ġunju 2026.

⁵ Meta l-Istati Membri jippreżentaw talbiet għall-pagament, il-Kummissjoni tivvaluta l-evidenza pprovduta u tistabbilixxi jekk intlaħqux ir-rekwiżiti tal-istadji importanti u l-miri rilevanti stabbiliti fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill. Dan huwa prerekwiżit għall-iżborż tal-fondi.

F'konformità mal-progress li sar u r-riżultati miksuba, ġew żborżati EUR 225 biljun b'appoġġ għall-ekonomiji tal-UE. Ġew żborżati kważi EUR 67 biljun fi prefinanzjament, li għen biex jittaffa l-impatt fuq terminu qasir tal-kriżi fuq il-baġits tal-Istati Membri u tingħata spinta lill-implimentazzjoni.⁶ Barra minn hekk, ġew żborżati EUR 157,2 biljun mat-tweġġiq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri, li jirriflettu l-progress fir-riformi u l-investimenti fil-prattika. Parti kbira minn dawn l-iżborżi hija marbuta mal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-riformi, li deliberatament ġew antiċipati biex iwittu t-triq għal investimenti ta' suċċess fit-tieni nofs tal-ħajja tal-RRF.

Madwar 75 % tal-istadji importanti u l-miri ppjanati li kellhom jintlaħqu sa tmiem l-2023 diġà ġew ivvalutati mill-Kummissjoni bħala ssodisfati jew irrapporati bħala kkompletati mill-Istati Membri.⁷ Anke dawk l-Istati Membri li s'issa la ppreżentaw talbiet għal pagament u lanqas ma rċevew fondi mill-RRF, diġà rreġistraw progress fl-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti stabbiliti fl-RRPs tagħhom.

1.2. Il-pjanijiet kollha ġew riveduti biex jiġi massimizzat l-impatt tal-RRF f'kuntest li qed jinbidel

Fl-2023, l-Istati Membri ffukaw fuq li jagħmlu l-RRPs tagħhom adatti biex jindirizzaw sfidi ġodda, filwaqt li javvanzaw bl-implimentazzjoni tagħhom. Iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, l-inflazzjoni għolja u t-tfixkil fil-katina tal-provvista kkawżati mill-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata tar-Russja kontra l-Ukrajna, u, f'xi każijiet, id-diżastri naturali għamluha diffiċli għall-Istati Membri biex jimplimentaw ċerti riformi u investimenti fl-RRP tagħhom. Il-Kummissjoni appoġġat lill-Istati Membri⁸ fl-isforzi tagħhom biex itaffu dawn ir-restrizzjonijiet esterni u biex jirrevedu l-miżuri rilevanti fl-RRPs tagħhom bl-użu tal-flessibilità inkorporata fir-Regolament RRF. Ir-reviżjonijiet kienu wkoll l-okkażjoni biex jiġu aġġornati l-RRPs biex titqies l-allokazzjoni finanzjarja riveduta lill-Istati Membri⁹ u jiġi sfruttat l-appoġġ għas-self li jifdal¹⁰ disponibbli taħt l-RRF.

Ir-reviżjonijiet tal-pjan żguraw li l-RRPs jibqgħu kemm ambizzjużi kif ukoll adattati għall-iskop tagħhom. L-RRPs kollha ġew aġġornati fl-2023, b'attenzjoni partikolari mhux biss għall-kwalità tal-miżuri iżda wkoll għall-grad ta' maturità tagħhom u l-orizzont ta' implimentazzjoni tagħhom, minħabba n-natura marbuta maż-żmien tal-RRF. L-impenji li ma kinux għadhom jistgħu jinkisbu minħabba ċirkostanzi oġġettivi ġew aġġustati u, f'ħafna każijiet, sostitwiti b'alternattivi aktar xierqa, filwaqt li l-ambizzjoni oriġinali tal-RRP inżammet intatta. L-ambitu wiesa' tal-RRF ipprova l-flessibilità meħtieġa għall-Istati Membri biex jallokaw ir-riżorsi skont il-prijoritajiet li qed jevolvu tagħhom, f'konformità mal-oġġettivi tal-RRF. Il-kaxxa 2 tipprovdi eżempji ta' kif ir-reviżjonijiet immassimizzaw l-impatt tal-RRF f'oqsma bħall-prevenzjoni tad-diżastri, il-kwalità tas-servizzi pubbliċi jew l-istrumenti finanzjarji biex jappoġġaw lill-SMEs.

⁶ Mis-EUR 67 biljun fi prefinanzjament, EUR 10,4 biljun ġew żborżati fi tmiem l-2023 u fil-bidu tal-2024 mal-approvazzjoni tal-kapitolu tar-REPowerEU.

⁷ Id-data dwar l-istadji importanti u l-miri kkompletati hija awtorapporata mill-Istati Membri fil-kuntest tar-rapportar biannwali.

⁸ [IL-Gwida dwar il-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza fil-kuntest tar-REPowerEU — Il-Kummissjoni Ewropea \(europa.eu\)](#)

⁹ F'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament RRF, il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli ta' kull Stat Membru ġiet aġġornata f'Ġunju 2022 abbażi tad-data tal-eżitu tal-Eurostat dwar il-bidla fit-tkabbir tal-PDG reali matul l-2020 u l-bidla aggregata fil-PDG reali għall-perjodu 2020-2021.

¹⁰ L-Istati Membri setgħu jitolbu appoġġ fil-forma ta' self (addizzjonali) sal-31 ta' Awwissu 2023, kif stipulat fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament RRF. Mill-pakkett kumplessiv ta' EUR 385,8 biljun disponibbli għall-appoġġ fil-forma ta' self taħt l-RRF, ġew impenjati kważi EUR 291 biljun sa tmiem l-2023.

Permezz tar-reviżjonijiet, id-daqs tal-appoġġ tal-UE lill-Istati Membri kiber b'mod sinifikanti. Kważi EUR 150 biljun f'appoġġ finanzjarju saru disponibbli għall-ekonomiji tal-UE fl-2023 permezz kemm ta' għotjiet addizzjonali għall-kapitoli tar-REPowerEU kif ukoll ta' EUR 125,5 biljun ta' self. L-użu kbir tal-appoġġ fil-forma ta' self juri l-attrawenza kontinwa tal-RRF bħala strument fl-appoġġ u t-trasformazzjoni tal-ekonomiji tal-UE għall-futur. B'kollox, u dment li l-istadji importanti u l-miri kollha se jintlaħqu, l-RRF se tinjetta EUR 650 biljun f'appoġġ finanzjarju għall-ekonomiji tagħna tal-UE.¹¹

Kaxxa 2: L-RRPs ġew riveduti biex jiġi massimizzat l-impatt tagħhom f'kontest li qed jinbidel

Is-Slovenja talbet appoġġ ta' self addizzjonali biex tkopri l-effetti devastanti tal-għargħar li laqtu l-pajjiż f'Awissu 2023. Is-self addizzjonali se jkompli jappoġġa r-reżiljenza tas-Slovenja kontra l-effetti tat-tibdil fil-klima u jagħti spinta lit-tranżizzjoni ekoloġika tagħha, pereżempju bl-investiment fir-rinnovazzjoni sostenibbli tal-bini u r-rikostruzzjoni ta' żewġ linji ferrovjarji reġjonali, affettwati mill-għargħar u l-maltempati.

L-Italja introduċiet azzjonijiet immirati biex issaħħaħ l-għodod biex jitnaqqas ix-xogħol b'lura fis-sistema tal-ġustizzja ċivili. Dan jinkludi miżuri biex jissaħħaħ l-uffiċċju tal-proċess u l-istabbiliment ta' skemi ta' inċentivi għall-uffiċċji ġudizzjarji biex jilħqu l-oġettivi tagħhom f'termini ta' tnaqqis fl-għadd ta' kawżi pendenti. L-oġettiv aħħari huwa li jinħoloq ambjent aktar favorevoli għan-negozju, li jattira aktar investimenti u jrawwem it-tkabbir.

Il-Kroazja użat appoġġ ta' self addizzjonali biex tkopri l-effetti ta' inflazzjoni għolja fuq il-proġett tagħha fuq in-network pubbliku tal-provvista tal-ilma. Iż-żieda fil-prezzijiet tal-kostruzzjoni wasslet biex ma setgħetx tintlaħaq parti mill-mira fuq kilometri mibnija jew rikostruwiti tan-network pubbliku tal-provvista tal-ilma. Madankollu, il-Kroazja ddeċidiet li titlob appoġġ addizzjonali fil-forma ta' self mhux biss biex tkopri ż-żieda fil-kostijiet tal-kostruzzjoni, iżda anke biex iżjed l-ambizzjoni tal-miżura. L-RRP rivedut issa jzjed il-mira finali minn 956 għal 1087 kilometru ta' network pubbliku tal-provvista tal-ilma mibni jew rikostruwit. Dan se jkompli jzjed l-għadd ta' ċittadini li jibbenefikaw minn aċċess imtejjeb għall-provvista tal-ilma.

Spanja inkludiet strumenti finanzjarji biex ittejjeb l-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament. Minħabba li l-SMEs għandhom rwol ewlieni fix-xenarju ekonomiku Spanjol, Spanja talbet self addizzjonali biex ittejjeb l-aċċess tal-SMEs għas-swieq kapitali u tinċentiva l-investiment privat, b'mod partikolari għall-SMEs li joperaw fis-setturi ekoloġiċi u diġitali.

1.3. REPowerEU se jkompli jaċċellera t-tranżizzjoni ekoloġika

¹¹ Sa tmiem l-2023 (l-iskadenza għall-impenn tal-fondi tal-RRF relatati mal-NGEU), ġew impenjati kważi EUR 650 biljun f'appoġġ finanzjarju għall-ekonomiji tal-UE. Dan jinqasam f'EUR 357 biljun f'għotjiet u EUR 291 biljun f'self.

L-RRF tgħin biex titħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika tal-UE. Ir-Regolament RRF jirrikjedi li l-RRPs kollha jiddedikaw mill-inqas 37 % tal-allokkazzjoni totali għal miżuri li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika. L-Istati Membri kollha qabżu din il-mira (medja ta' 40 %) b'xi Stati Membri jiddedikaw aktar minn 50 % tal-pjan totali tagħhom għall-oġettivi klimatiċi. B'kollox, in-nefqa klimatika stmata tammonta għal madwar EUR 275 biljun. Barra minn hekk, il-miżuri kollha appoġġati mill-RRF iridu jirrispettaw il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (DNSH), li jagħmel l-RRF l-ewwel strument tal-UE fejn dan il-prinċipju huwa kriterju ta' eliġibbiltà ġenerali orizzontali. Barra minn hekk, il-RRF, flimkien mal-Fond Soċjali Ewropew Plus u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, tappoġġa l-politiki soċjali u tal-impjiegi, u tgħin biex it-tranżizzjoni ekoloġika ssir ġusta.

REPowerEU jikkontribwixxi aktar biex tiġi ffrankata l-enerġija, titħaffef il-produzzjoni tal-enerġija nadifa, u jiġu diversifikati l-provvisti tal-enerġija tal-UE. F'Marzu 2023, daħal fis-seħħ ir-Regolament RRF emendat, li jitlob lill-Istati Membri jintroduċu kapitoli tar-REPowerEU fl-RRPs tagħhom. Minn dak iż-żmien l'hawn, ġew approvati 23 kapitolu¹² tar-REPowerEU. Dawn jinkludu riformi u investimenti li se jgħinu biex tiġi ffrankata l-enerġija, jikkontribwixxu għall-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, u jnaqqsu d-dipendenza tagħna fuq il-fjuwils fossili Russi billi jistabbilixxu networks tal-enerġija aktar reżiljenti.

Permezz tal-kapitoli tar-REPowerEU, se jiġu ddedikati EUR 60 biljun addizzjonali biex titħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika. Is-self li għadu kif intalab għal kapitoli tar-REPowerEU jammonta għal EUR 40 biljun minnhom, filwaqt li l-bqija huma għotjiet addizzjonali għall-miżuri tar-REPowerEU minn riżorsi taħt is-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet u r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit. Ir-riformi u l-investimenti introdotti bil-kapitoli tar-REPowerEU jikkomplementaw u jaċċelleraw daww diġà inklużi fl-RRPs. Il-kaxxa 3 tipprovdi eżempji ta' kif il-kapitoli tar-REPowerEU jaċċelleraw it-tranżizzjoni ekoloġika. Il-miżuri tar-REPowerEU se jressqu investimenti sostanzjali bl-għan, pereżempju: li tintuża l-kapaċità tal-enerġija rinnovabbli, inkluż teknoloġiji li mmaturaw aktar reċentement bħar-riħ lil hinn mill-kosta; biex tiġi installata l-kapaċità tal-ħżin tal-elettriku; id-dekarbonizzazzjoni tas-sistemi tat-tisħin; l-iżvilupp tal-kapaċità għall-produzzjoni tal-idroġenu; u biex jiġu appoġġati miżuri biex jittaffa l-faqar enerġetiku. Barra minn hekk, l-Istati Membri inkludew riformi ambizzjużi fil-kapitoli REPowerEU tagħhom, pereżempju biex jissimplifikaw il-proċeduri amministrattivi u jiffaċilitaw l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, jew biex jiżviluppaw ħiliet ekoloġiċi li jenħtieġ li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni għall-ħaddiema u l-SMEs.

REPowerEU se jippromwovi wkoll l-oġettivi tal-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku¹³ u se jipprovdi ambjent aktar ta' appoġġ biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-industrija tal-UE u biex tiżdied il-kapaċità tal-manifattura tal-industriji tat-teknoloġija żero netti. L-RRPs, inklużi l-kapitoli l-ġodda tagħhom tar-REPowerEU, jistgħu u għandhom jintużaw biex jappoġġaw il-manifattura tat-teknoloġija nadifa. Eżempji ta' investimenti jew riformi mmirati direttament lejn l-industrija b'emissjonijiet żero netti jidhru fi Spanja, fil-Kroazja, fl-Italja, fil-Polonja jew fil-Portugall. Eżempji ta' appoġġ għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija jidhru fil-Belġju, fil-Ġermanja, fil-Greċja, fi Franza, fl-Ungerija, fl-Italja, fil-Portugall jew fis-Slovenja. Kollox ma' kollox, EUR 68 biljun mill-

¹² L-erba' Stati Membri li jifdal (il-Bulgarija, il-Ġermanja, l-Irlanda u l-Lussemburgu) s'issa għadhom ma ppreżentawx kapitolu tar-REPowerEU lill-Kummissjoni.

¹³ [Il-Komunikazzjoni:Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Żero Netti Il-Kummissjoni Ewropea \(europa.eu\)](https://ec.europa.eu/economy_finance/industrial_strategy_en)

RRF se jappoġġaw it-teknoloġija nadifa, l-enerġija nadifa u d-dekarbonizzazzjoni tal-industrija tal-Ewropa.

Kaxxa 3: REPowerEU jaċċellera t-tranżizzjoni ekoloġika

L-RRPs, bit-taħlita unika tagħhom ta' riformi u investimenti, jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għad-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija Ewropea. Filwaqt li jitqiesu l-għanijiet tal-UE li tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050 u l-mira intermedja ta' tnaqqis ta' mill-inqas 55 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030, kif ukoll id-djalogu li għaddej dwar l-istabbiliment ta' mira ta' tnaqqis għall-2040 (ara l-Komunikazzjoni reċenti tal-Kummissjoni dwar il-mira klimatika għall-2040, COM (2024) 63), id-dekarbonizzazzjoni tas-swieq tal-elettriku se tirrikjedi mhux biss bidla teknoloġika lejn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, iżda wkoll li tinbena l-infrastruttura meħtieġa biex jiġu żgurati s-sigurtà tal-enerġija u l-affordabbiltà għaċ-ċittadini kollha. Għal dan l-għan, l-Istati Membri inkludew aktar miżuri fil-kapitoli REPowerEU tagħhom.

Jiddekarbonizzaw u jagħmlu s-swieq tal-enerġija bbażati fuq sorsi rinnovabbli: L-Istati Membri jaċċelleraw u jużaw b'mod massiv sorsi ta' enerġija rinnovabbli

- **Iċ-Ċekja** introduċiet riformi estensivi li se jneħħu r-rekwiżiti tal-permessi għall-installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli sa 50 KW, iqassru l-proċessi tal-għoti tal-permessi u jipprovdu punt uniku ta' servizz diġitali biex jgħin lill-applikanti bil-proċessi tal-għoti tal-permessi.
- **Il-Belġju** se jiżviluppa "gżira tal-enerġija" fil-Baħar tat-Tramuntana Belġjan li se tippermetti l-konnessjoni ta' mill-inqas 3,15 GW ta' enerġija eolika lil hinn mill-kosta futura mal-grilja tal-elettriku fuq l-art.

L-iżgurar tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u tal-enerġija affordabbli: L-Istati Membri jiżguraw il-grilji tal-enerġija billi jtejbu l-infrastruttura u jindirizzaw il-konġestjonijiet

- **Is-Slovakkja** se taġġorna 250 km ta' linji ta' trażmissjoni, ittejjeb il-kummerċ tal-elettriku mal-Istati Membri ġirien u tottimizza l-użu tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli.
- **Il-Latvja** ser iżżid is-sigurtà u l-istabbiltà tal-provvista tal-enerġija biex tħaffef il-proġett ttransfruntier li bħalissa qed jiġi implimentat mil-Latvja, il-Litwanja, l-Estonja u l-Polonja bl-għan li tiġi żgurata s-sinkronizzazzjoni tan-netwerks tal-elettriku tal-Istati Baltiċi man-netwerk tal-Ewropa Kontinentali.

Tingħata spinta lill-kompetittività tal-industrija tal-UE: L-Istati Membri qed iżidu l-kapaċità tal-manifattura tal-industrija tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti

Il-Portugall se jappoġġa investimenti fi proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti bl-għan li tissaħħaħ il-kompetittività tal-industrija Portugiża. Total ta' EUR 50 miljun huwa allokat biex jappoġġa kumpaniji jew proġetti individwali biex jinvestu f'teknoloġiji allinjati mal-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti bħall-PV solari, l-enerġija mir-riħ fuq l-art u lil hinn mill-kosta u l-batteriji u l-ħażna.

1.4. L-implimentazzjoni u l-iżborżi huma mistennija li jimxu 'l quddiem

L-iżborżi taħt l-RRF naqsu fl-ewwel nofs tal-2023 qabel ma reġgħu żdiedu f'dawn l-aħħar xhur. Matul il-biċċa l-kbira tal-2023, l-Istati Membri ffukaw fuq ir-reviżjoni tal-RRPs tagħhom u ż-żieda tal-kapitoli tar-REPowerEU, b'mod partikolari fid-dawl tal-iżviluppi esterni msemmija hawn fuq, li wasslu għal tnaqqis fil-preżentazzjoni tat-talbiet għall-pagament. Hekk kif ir-reviżjonijiet tal-RRPs avvanzaw, is-sottomissjoni tat-talbiet għall-pagament żdiedet b'mod sinifikanti fit-tieni nofs tal-2023. B'mod speċifiku, bejn Mejju u Diċembru 2023, ġew ippreżentati 26 talba għal pagament u ġew żborżati EUR 60,9 biljun. Il-biċċa l-kbira ta' dawn l-iżborżi saru fl-aħħar tliet xhur tal-2023. Sa tmiem l-2023, tmien Stati Membri kienu diġà rċevew aktar minn 40 % tal-allokazzjoni tal-għotjiet tagħhom u b'mod ġenerali, aktar minn 34 % tal-pakkett totali tal-RRF kienu ġew żborżati.

Dan il-momentum pożittiv huwa mistenni li jkompli b'pass aktar mgħaġġel ta' implimentazzjoni matul it-tieni nofs tal-ħajja tal-RRF. Bi 18-il talba għall-pagament ippreżentati lejn tmiem l-2023, aktar minn 650 stadju importanti u mira bħalissa qed jiġu vvalutati mill-Kummissjoni. Jekk dawn l-istadji importanti u l-miri jiġu vvalutati li ntlaħqu b'mod sodisfaċenti, jiġu żborżati EUR 41 biljun addizzjonali, li jġibu l-iżborżi totali sa Ġunju 2024 għal aktar minn 40 % tal-pakkett tal-RRF. Dan il-momentum huwa mistenni li jkompli fit-tieni nofs tas-sena. B'mod ġenerali, skont l-ippjanar attwali, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri, il-Kummissjoni tistenna li tirċievi aktar minn 20 talba oħra għal pagament din is-sena, li jikkorrispondu għall-iżborż ta' aktar minn EUR 100 biljun fl-2024.

L-Istati Membri huma mistennija li javvanzaw bl-implimentazzjoni peress li l-RRF iddum sal-2026. L-implimentazzjoni trid taċċellera għar-riformi u l-investimenti kollha inklużi fil-pjanijiet. Ir-reviżjonijiet tal-pjanijiet fl-2023 wittew it-triq għal din l-aċċellerazzjoni.

2. L-RRF appoġġat l-irkupru u għebet innovazzjoni fl-infiq tal-UE

2.1. L-RRF tappoġġa b'mod effettiv l-irkupru ekonomiku fl-UE

Filwaqt li għadu kmieni wisq biex tiġi vvalutata l-firxa sħiħa tal-impatt tagħha, l-RRF wittiet it-triq għall-irkupru ekonomiku tal-UE. L-azzjoni determinata u kkoordinata fil-livell tal-UE taħt l-NGEU tat sinjal qawwi ta' unità Ewropea li tat spinta lill-fiduċja ekonomika u għenet biex jiġu stabbilizzati l-aspettattivi tas-suq. Wara l-ħolqien tal-RRF, il-biċċa l-kbira tal-RRPs inizjali tħejjew notevolment malajr mill-Istati Membri fl-2021 u l-implimentazzjoni bdiet malajr. L-attività ekonomika reġgħet lura għal-livelli ta' qabel il-pandemija sat-tielet kwart tal-2021. Ir-rati tal-impjegi laħqu livelli rekord għoli, filwaqt li l-qgħad naqas għal livelli baxxi rekord ta' madwar 6 % f'Mejju 2023 u baqa' qrib dawn il-livelli baxxi rekord minn dak iż-żmien 'l hawn. Dan huwa saħansitra aktar notevoli minħabba ż-żewġ "xokkijiet ekonomiċi ta' darba f'ġenerazzjoni" tal-COVID-19 u tal-kriżi tal-enerġija. L-impatti negattivi għal żmien twil fuq is-swieq tax-xogħol tal-UE li kienu f'riskju li joħlqu ġew evitati. Dawn l-eżiti pożittivi ekonomiċi u tal-impjegi naturalment mhumieq attribwibbli biss għall-RRF. Strumenti oħra tal-UE — bħall-fondi tal-politika ta' koeżjoni jew l-istrument ta' appoġġ SURE biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza — u azzjonijiet mill-Istati Membri u istituzzjonijiet oħra tal-UE kellhom rwol ewlieni wkoll.

L-RRF ipprovdiet appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri, li ħafna minnhom ma kellhomx spazju fiskali biex itaffu l-impatt soċjali u ekonomiku tal-kriżi tal-COVID-19. L-RRF tat rispons rapidu, bl-iżborż ta' EUR 56,5 biljun bħala prefinanzjament fl-2021 u fl-2022, u EUR 10,4 biljun addizzjonali ta' prefinanzjament fl-2023 u fil-bidu tal-2024, mal-approvazzjoni tal-kapitolu tar-REPowerEU. Dan ipprova appoġġ rapidu u dirett lill-Istati Membri, minbarra l-flessibbiltajiet u l-finanzjament addizzjonali disponibbli taħt il-fondi tal-politika ta' koeżjoni, li kellhom rwol ta' stabbilizzazzjoni vitali wara l-kriżi. Dawn l-iżborżi naqqsu l-ħtiġijiet ta' finanzjament urġenti fl-Istati Membri, appoġġaw azzjoni bikrija biex jgħinu lin-negozji u liċ-ċittadini, u ppermettew lill-Istati Membri jimplimentaw investimenti immedjati tant meħtieġa li altrimenti setgħu ma mmaterjalizzawx. It-tnaqqis konsiderevoli tal-firxiet tal-bonds sovrani tal-UE wara l-ftehim storiku li jinħarġu bonds komuni tal-UE għall-finanzjament tal-NGEU u tal-RRF kompli jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-pressjoni fiskali.

B'kuntrast mal-kriżijiet preċedenti, l-investiment pubbliku fl-UE nżamm u saħansitra żdied wara l-pandemija tal-COVID-19 u l-kriżi tal-enerġija, minn 3,0 % fl-2019 għal 3,3 % mistenni fl-2023. L-RRF ikkontribwiet b'mod sinifikanti għal dan l-eżitu pożittiv. Din ix-xejra inkoraġġanti hija mistennija li tkompli fl-2024 u l-2025, peress li l-proporzjon aggregat tal-investiment pubbliku huwa mistenni li jiżdied għal 3,5 % tal-PDG sal-2025. It-tbassir Ekonomiku tal-Ħarifa tal-Kummissjoni¹⁴ jsib li madwar nofs iż-żieda mistennija fl-investiment pubbliku bejn l-2019 u l-2025 hija relatata ma' investimenti ffinanzjati mill-baġit tal-UE, b'mod partikolari mill-RRF.

¹⁴ [Il-Previżjoni Ekonomika tal-Ħarifa 2023: Irkupru modest fil-futur wara sena diffiċli - il-Kummissjoni Ewropea \(europa.eu\)](#)

L-immudellar ekonomiku tal-Kummissjoni¹⁵ jissuġġerixxi effetti makroekonomiċi mdaqqs tal-investiment tal-NGEU¹⁶. Il-mudell jissuġġerixxi li l-NGEU¹⁷ għandu l-potenzjal li jżid il-PDG reali tal-UE sa 1,4 % fl-2026 aktar minn xenarju tal-ebda NGEU¹⁸. Dan huwa simili għall-istimi ta' organizzazzjonijiet oħra¹⁹. Il-mudell jistma wkoll li l-NGEU jista' jżid l-impjiegi tal-UE sa 0,8 % fuq medda qasira ta' żmien, u jwassal għal pagi reali persistentement ogħla fuq terminu medju li jirriflettu gwadanji potenzjali fil-produttività ta' investiment produttiv²⁰.

L-implimentazzjoni simultanja tal-RRF mill-Istati Membri kollha hija stmata li tiġġenera effetti konsegwenzjali pożittivi imdaqqs li jżid il-PDG medju, meta mqabbel ma' dinja mingħajr azzjoni konġunta u koordinata. Dawn l-effetti konsegwenzjali huma stmati li jiġġeneraw valur miżjud għall-UE li jammonta għal bejn kwart u terz tal-impatt totali tal-RRF. Filwaqt li l-Istati Membri kollha huma stmati li jibbenefikaw minn effetti konsegwenzjali transfruntiera mdaqqs minħabba ż-żieda fid-domanda fl-ekonomija integrata tal-UE, l-impuls tal-investiment konġunt mill-RRF qed jappoġġa wkoll il-konverġenza ekonomika 'l fuq fl-UE. Ir-riżultati jbassru li l-Istati Membri b'PDG taħt il-medja jiggwadanjaw speċifikament minn dawn l-effetti konsegwenzjali, peress li jixprunaw attività ekonomika akbar u kummerċ transfruntier.

L-RRF tfasslet biex tikkonċentra l-appoġġ fuq Stati Membri b'introjtu aktar baxx u aktar vulnerabbli li ntlaw l-aghjar mill-pandemija. Il-koeffiċjent tal-allokazzjoni tal-RRF, li jiddetermina kemm jista' jirċievi finanzjament kull Stat Membru, tfassal għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali ta' kriżi f'dak iż-żmien, inkluża l-inċertezza sinifikanti dwar l-effetti li l-pandemija li kienet għadha qed tevolvi kien se jkollha madwar l-UE. Għalhekk, iquis kemm il-kuntest soċjoekonomiku fil-bidu tal-pandemija kif ukoll kif l-Istati Membri rkupraw mill-kriżi sa Ġunju 2022. Fl-istess ħin, il-koeffiċjent tal-allokazzjoni tal-RRF għadu bbażat sew fuq il-loġika tal-koeżjoni ekonomika, peress li jirrifletti d-differenzi fil-PDG per capita fost l-Istati Membri. Bis-saħħa ta' dan, l-RRF tgħin fil-ġlieda kontra d-diverġenza ekonomika, filwaqt li trawwem l-istabbiltà ekonomika u t-tkabbir fejn hija l-aktar meħtieġa. Abbażi tal-immudellar tal-Kummissjoni, iż-żieda fil-produzzjoni ekonomika fl-2026 tilħaq sa 4,5 % fil-Greċja, aktar minn 4 % fil-Kroazja, u madwar 3,5 % fi Spanja u l-Bulgarija, meta mqabbla mal-impatt medju fl-UE ta' 1,4 %.

¹⁵ Il-Mudell QUEST (ara n-nota 2 f'qiegħ il-paġna).

¹⁶ Biex tistma l-impatt makroekonomiku tal-RRF, il-Kummissjoni Ewropea pproduċiet valutazzjonijiet *ex ante* stilizzati tal-impatt makroekonomiku tal-investiment tal-NGEU. Dawn is-simulazzjonijiet mudell mhumex evalwazzjoni *ex post* tal-impatt reali, iżda pjuttost previżjoni tal-mudell *ex ante* bbażata fuq suppożizzjonijiet stilizzati. Madankollu, is-simulazzjonijiet ippreżentati hawnhekk jintegraw informazzjoni aġġornata dwar it-talbiet għal self, l-inflazzjoni, u l-profil tal-infiq mistennija. Dawn jiffukaw fuq l-investimenti peress li l-effetti makroekonomiċi tar-riformi strutturali huma ħafna aktar diffiċli biex jiġu mmudellati. Għal aktar informazzjoni, ara b'mod partikolari, Pfeiffer P., J. Varga u J. in 't Veld (2023) [Quantification of spillovers of coordination investment stimulus in the EU](https://economy-finance.ec.europa.eu/publications/quantifying-spillovers-next-generation-eu-investment_en), *Macroeconomic Dynamics* (27), p. 1843–1865. Ara wkoll id-Dokument ta' Diskussjoni tal-ECFN (2021): https://economy-finance.ec.europa.eu/publications/quantifying-spillovers-next-generation-eu-investment_en.

¹⁷ Ir-riżultati tal-mudell QUEST ġew ikkalkolati abbażi tal-investimenti tal-NGEU u mhux tal-RRF. Madankollu, l-investimenti (self u appoġġ mhux ripagabbli) ibbażati fuq l-RRF jammontaw għal madwar 90 % tal-investimenti tal-NGEU.

¹⁸ Jekk jogħġbok ara l-Anness II tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal dwar l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu għal diskussjoni dettaljata tas-suppożizzjonijiet u l-ispeċifikazzjonijiet mudell.

¹⁹ Ara l-Fond Monetari Internazzjonali 2023 Artikolu IV Konsultazzjoni dwar iż-Żona tal-Euro (paġna 44), Lulju 2023.

²⁰ Innota li minħabba li s-simulazzjonijiet jiffukaw fuq l-investiment pubbliku (mingħajr ma jakkumpanjaw ir-riformi tas-suq tax-xogħol), l-effetti fuq l-impjiegi huma relattivament qosra u ż-żidiet reali fil-pagi jirriflettu l-biċċa l-kbira tal-benefiċċji tas-suq tax-xogħol fuq terminu medju u twil fis-simulazzjonijiet. B'kuntrastrast ma' dan, ir-riformi mmirati lejn is-swieq tax-xogħol u ż-żieda fil-parteċipazzjoni, li huma inklużi f'bosta RRP, jistgħu jwasslu għal kisbiet kbar fl-impjiegi u tkabbir potenzjali ogħla fuq perjodu ta' żmien medju u twil.

2.2. L-RRF għandha rwol ewlieni fl-appoġġ tar-riformi strutturali u l-prijoritajiet ta' politika komuni tal-UE

Wieħed mill-aktar suċċessi notevoli tal-RRF huwa l-kapaċità ppruvata tagħha li tinċentiva l-implimentazzjoni tar-riformi strutturali. Il-fatt li l-iżborżi tal-RRF isiru kundizzjonali fuq l-implimentazzjoni ta' pakketti koerenti ta' investimenti u riformi ħoloq inċentivi effettivi għall-implimentazzjoni tar-riformi. Dan jinkludi b'mod partikolari riformi li ilhom jiġu rakkomandati għal ħafna snin mill-UE fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Il-pjanijiet kollha kellhom jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs) rilevanti kollha jew subsett sinifikanti minnhom. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) ikkonfermat li l-RRPs jikkontribwixxu għall-indirizzar ta' subsett sinifikanti ta' CSRs²¹. Fis-sentejn ta' qabel l-RRF, is-sehem tas-CSRs tal-2016–2017 li laħaq mill-inqas “xi progress” żdied b'sitt punti perċentwali biss minn 53 % fl-2018 għal 59 % fl-2020. B'paragun ma' dan, is-sehem tas-CSRs tal-2019-2020 li laħaq mill-inqas “xi progress” żdied bi 17-il punt perċentwali minn 52 % fl-2021 qabel l-implimentazzjoni tal-RRF għal kważi 69 % fl-2023. Il-parti l-kbira tal-progress sar fl-oqsma tal-aċċess għall-finanzi u s-servizzi finanzjarji, il-funzjonament tas-suq tax-xogħol, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-ambjent tan-negozju. Hekk kif l-Istati Membri jkomplu bl-implimentazzjoni tal-pjanijiet tagħhom, li jindirizzaw is-CSRs kollha tagħhom jew subsett sinifikanti minnhom, il-progress fl-indirizzar tas-CSRs huwa mistenni li jiżdied b'mod sinifikanti fil-futur.

Ir-riformi strutturali u l-investimenti appoġġati mill-RRF rawmu progress fil-prijoritajiet ta' politika komuni u appoġġaw il-konverġenza soċjoekonomika fl-UE. Ir-riformi u l-investimenti appoġġati mill-RRF irawmu b'mod partikolari t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, kif ukoll il-konverġenza soċjoekonomika u l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. L-RRF tappoġġa wkoll riformi li jsaħħu r-reżiljenza istituzzjonali, pereżempju biex jittejjeb il-funzjonament tal-amministrazzjonijiet pubbliċi kif ukoll l-effettività tas-sistemi ġudizzjarji. Eżempji ta' riformi u investimenti rilevanti huma murija fil-Kaxxa 4. Dawn jinkludu l-effiċjenza enerġetika, is-servizzi pubbliċi diġitali, it-trasport sostenibbli, ir-riċerka u l-innovazzjoni, il-protezzjoni soċjali, u l-aċċess għas-suq tax-xogħol, li jippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Meta wieħed iħares 'il quddiem, l-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti f'konformità mal-prijoritajiet ta' politika tal-UE se tkompli tkun għan ewlieni tal-qafas ta' politika tal-UE, inkluż bħala parti mis-sorveljanza fiskali. Fil-kuntest tar-rieżami tar-regoli fiskali tal-UE, il-Kummissjoni tat importanza partikolari lir-rwol tar-riformi u l-investimenti li jtejbju s-sostenibbiltà fiskali u jindirizzaw il-prijoritajiet tal-UE u l-isfidi speċifiċi għall-pajjiż.

Hemm sinerġiji kbar bejn l-RRF u fondi oħra tal-UE, b'mod partikolari fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni. Bl-implimentazzjoni parallela tal-RRF u tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni, l-Istati Membri kellhom jieħdu deċiżjonijiet strateġiċi dwar liema fondi għandhom jużaw biex jiffinanzjaw investimenti kwalifikanti. Dawn id-deċiżjonijiet kienu jiddependu fuq l-ambitu, l-iskeda ta' żmien u l-kriterji ta' eliġibbiltà rispettivi tal-fondi. Diversi Stati Membri użaw il-possibbiltà li jiffinanzjaw, kemm bl-RRF kif ukoll bil-fondi strutturali, riformi u investimenti li jiffaċilitaw il-massimizzazzjoni tal-impatt tal-finanzjament tal-UE. Pereżempju, l-RRP Taljan jinkludi riforma biex tittejjeb l-effettività tal-investimenti pubbliċi fis-settur tal-ilma, li hija mistennija tgħin biex jiġu indirizzati l-

²¹ [Rapport Speċjali 21/2022:Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-NRRPs \(europa.eu\)](https://ec.europa.eu/economy_finance/rrf-reports/2022-11-21-report-special-21-2022-il-facilita-għall-irkupru-u-r-reziljenza-u-l-nrrps)

ostakli għall-investimenti tal-politika ta' koeżjoni fil-ġestjoni sostenibbli tal-ilma. Bl-istess mod, skont l-RRF, is-Slovakkja aġġornat il-qafas legali tagħha biex tiffaċilita l-konnessjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli ġodda mal-grilja, li se tappoġġa l-implimentazzjoni ta' investimenti taħt il-politika ta' koeżjoni biex jiġu żviluppati sistemi tal-enerġija intelliġenti, grilja u ħżin. Filwaqt li għadu kmieni wisq biex tiġi pprovduta valutazzjoni komprensiva tal-impatt tagħhom fil-prattika, dawn is-sinerġiji bejn l-RRF u fondi oħra tal-UE huma mistennija li jiżdiedu hekk kif l-implimentazzjoni tal-RRF u tal-politika ta' koeżjoni tkompli tavvanza. Dan se jirrikjedi wkoll impenn u koordinazzjoni kontinwi bejn il-partijiet ikkonċernati kollha involuti. Fl-istess ħin, l-enfasi fuq l-implimentazzjoni

tal-RRPs, fost fatturi oħra, ikkontribwiet għal dewmien fl-implimentazzjoni tal-fondi strutturali f'xi Stati Membri, u hemm lok biex jiġu sfruttati aktar is-sinerġiji bejn l-RRF u fondi oħra tal-UE.

Kaxxa 4: L-RRF taċċellera t-tweġġ tal-prijoritajiet ta' politika tal-UE

Bl-ambitu wiesa' u l-pakkett finanzjarju kbir tagħha, l-RRF tipprovdi finanzjament sostanzjali biex tavanza l-implimentazzjoni tal-politiki komuni tal-UE.

***It-tisħiħ tal-effiċjenza enerġetika fil-bini** huwa prijetà tal-UE, sabiex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi u ambjentali tal-UE, filwaqt li jitnaqqsu l-kontijiet tal-enerġija għall-unitajiet domestiċi u n-negozji. Bis-saħħa tal-RRF, se jsir investiment ta' aktar minn EUR 102 biljun fl-effiċjenza enerġetika, flimkien ma' riformi ambizzjużi biex jiġu indirizzati l-ostakli amministrattivi.*

- ***Franza tinvesti EUR 1,9 biljun permezz tal-RRF biex tappoġġa r-rinnovazzjoni tal-enerġija tal-akkomodazzjoni soċjali u l-iskema ta' sussidju "MaPrimeRenov" għall-akkomodazzjoni privata.*** Permezz tal-pjan, aktar minn 1,5 miljun unità domestika se jiġu appoġġati (li minnhom 750 000 diġà rċevew is-sussidju) fix-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni tal-enerġija tagħhom. ***Spanja** se twettaq medja ta' 57 000 rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika tal-abitazzjonijiet fis-sena. Dan huwa oġġa mill-mira inizjali li ġiet stabbilita mill-pjan nazzjonali Spanjol għall-enerġija u l-klima ta' 50 000 abitazzjoni fis-sena.*

***Id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika** se tkun appoġġata b'mod sinifikanti mill-RRPs. L-oġġettiv attwali tal-UE, kif stabbilit fil-programm ta' politika tad-Deċennju Diġitali u fil-Kumpass Diġitali, huwa li jiġi żgurat li sal-2030 is-servizzi pubbliċi ewlenin kollha jkunu kompletament aċċessibbli online għal kulħadd, inklużi l-persuni b'diżabilità. Is-servizzi pubbliċi ewlenin għandhom jikkonformaw ma' standards għoljin ta' sigurtà u privatezza. Bis-saħħa tal-RRF, qed jiġu investiti aktar minn EUR 48 biljun fid-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika.*

- ***Il-Greċja qed tinvesti EUR 2,8 biljun fit-trasformazzjoni diġitali tal-entitajiet tas-settur pubbliku tagħha.*** Ir-riformi u l-investimenti huma ffukati fuq id-diġitalizzazzjoni tal-arkivji u servizzi diġitali mtejbja, li jinkorporaw sistemi moderni tal-IT u interoperabbiltà akbar bejn is-sistemi u d-data.

***Ir-Riċerka u l-Innovazzjoni** huma fost l-aktar għodod b'saħħithom biex tingħata spinta lill-ekonomiji u l-kompetittività tal-Unjoni fuq skala globali. Is-CSRs ġew indirizzati regolarment lill-Istati Membri biex itejbu l-effettività tal-politiki u l-investimenti li jappoġġaw ir-riċerka u l-innovazzjoni. Bis-saħħa tal-RRF, qed jiġu investiti aktar minn EUR 47 biljun biex jiġi jitħaffu l-iżvilupp u t-trasformazzjoni tas-sistema tar-R&I fl-Istati Membri u tingħata spinta lill-appoġġ għal oqsma teknoloġiċi ewlenin.*

- ***Iċ-Ċekja tat kuntratti pubbliċi ta' aktar minn EUR 195 miljun biex twettaq R&Ż fix-xjenzi mediċi.*** Il-kuntratti għandhom l-għan li ħames konsorzji (stabbiliti bejn universitajiet, istituzzjonijiet ta' riċerka pubblika u entitajiet pubbliċi u privati oħra) iwettqu riċerka u żvilupp fix-xjenzi mediċi ta' prijetà, inkluża riċerka dwar mard infettiv, kanċer, newroxjenzi, disturbi metaboliċi, mard kardjovaskulari, kif ukoll riċerka dwar l-impatt soċjoekonomiku tal-mard.

Il-mobbiltà sostenibbli hija fil-qalba tal-prijoritajiet ta' politika tal-UE u t-trasport ilu wieħed mill-aktar setturi diffiċli għad-dekarbonizzazzjoni. Bis-saħħa tal-RRF, qed jiġu investiti aktar minn EUR 38 biljun fl-infrastruttura u fin-networks ferrovjarji. Il-miżuri jtejbju wkoll il-konnettività ferrovjarja fl-Ewropa permezz tal-espansjoni tan-network TEN-T. Ħafna Stati Membri jappoġġaw din l-espansjoni bl-introduzzjoni tas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS), li se żżid is-sikurezza u ttejjeb l-interoperabbiltà tal-ferroviji fl-Ewropa.

- ***L-Italja qed tnedi 2800 km ta' ERTMS bis-saħħa tal-RRP Taljan biex tissodisfa l-oġettivi tagħha skont il-Pjan Ewropew għall-Mobilizzazzjoni tal-ERTMS. Fil-Ġermanja, l-RRP qed jappoġġa d-diġitalizzazzjoni tal-ferroviji għall-verżjonijiet sussegwenti tal-ERTMS.***

Protezzjoni soċjali: Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ippubblikat mill-Kummissjoni f'Marzu 2021, fost l-oħrajn jistabbilixxi t-triq' il quddiem għat-tisħiħ u l-immodernizzar tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali. Dan jinkludi mira ewlenija biex jitnaqqas l-għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali. Bis-saħħa tal-RRF, aktar minn EUR 14,1 biljun qed jiġu investiti fil-protezzjoni soċjali b'mod komplementari għall-ammonti minfuqa ma' nfiq ieħor tal-UE.

- ***Il-Kroazja tintroduċi riforma u twettaq investiment biex tipprovdi mentoraġġ soċjali lil individwi f'riskju ta' diskriminazzjoni jew f'pożizzjoni marġinalizzata fis-soċjetà.*** Dawn il-miżuri se jintroduċu servizz ta' mentoraġġ individwalizzat għid fiċ-ċentri tal-assistenza soċjali. Dan is-servizz għid se jiffoka fuq l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità, vittmi ta' vjolenza, persuni mingħajr dar, migranti, Rom, żgħażaġħ, persuni li jiskontaw sentenzi ta' ħabs u membri ta' gruppi soċjalment vulnerabbli oħra.
- ***Il-Polonja se timplimenta riforma u investiment biex ittejjeb is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol tal-ġenituri, u b'mod partikolari tan-nisa, billi żżid l-aċċess għal u d-disponibbiltà ta' indukrar tat-tfal ta' kwalità għolja.*** Ir-riforma hija mistennija tintroduċi qafas għal standards ta' kwalità għall-indukrar tat-tfal, inklużi linji gwida edukattivi vinkolanti u standards għas-servizzi ta' indukrar tat-tfal taħt it-tliet snin, li se jkun akkumpanjati mill-implimentazzjoni ta' sistema tal-IT għall-ġestjoni tal-finanzjament u l-ħolqien ta' faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal u l-

2.3. L-RRF trawwem tfassil ta' politika olistiku u tagħti spinta lis-sjieda nazzjonali, iżda hemm appelli biex tissaħħa il-flessibbiltà

L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tenfasizza li l-kombinament tar-riformi u l-investimenti taħt strument wieħed permezz ta' pjanijiet nazzjonali komprensivi ta' terminu medju (RRPs) huwa wieħed mill-aktar aspetti effettivi tal-RRF. L-RRF tappoġġa sett olistiku u koerenti ta' riformi u investimenti li jindirizzaw kemm il-prijoritajiet ta' politika tal-UE kif ukoll l-isfidi speċifiċi għall-pajjiż. Dan l-approċċ jincientiva l-ippjanar metodiku f'kull Stat Membru u jiffaċilita implimentazzjoni aktar effiċjenti. Is-sekwenzjar koerenti bejn ir-riformi u l-investimenti jippermetti, pereżempju, li jitwettqu riformi l-ewwel, li se jappoġġaw l-impatt ta' investimenti sussegwenti. Barra minn hekk, is-sinerġiji bejn ir-riformi u l-investimenti jistgħu jiġu sfruttati aktar faċilment meta l-implimentazzjoni tagħhom tkun ikkoordinata b'mod integrat.

Taħt l-RRF, l-Istati Membri jistgħu jfasslu riformi u investimenti f'konformità mal-prijoritajiet u l-ħtiġijiet tagħhom, filwaqt li jiżguraw approċċ immirat speċifiku għall-pajjiż filwaqt li jappoġġaw il-politiki komuni tal-UE. Filwaqt li r-Regolament RRF jistabbilixxi kriterji ġenerali li l-pjanijiet jeħtieġ li jikkonformaw magħhom, l-Istati Membri huma responsabbli għat-tfassil tal-pjanijiet tagħhom u għad-deċiżjoni dwar ir-riformi u l-investimenti li għandhom jitressqu, u b'hekk jinħoloq sens qawwi ta' sjieda, impenn u akkontabilità, li jiffaċilita l-implimentazzjoni. Dan huwa partikolarment il-każ għar-riformi, li spiss jeħtieġu l-approvazzjoni parlamentari nazzjonali. Barra minn hekk, il-kooperazzjoni mill-qrib li hija meħtieġa bejn il-Kummissjoni, il-ministeri nazzjonali u l-korpi ta' implimentazzjoni għabet magħha esternalitajiet pożittivi f'termini ta' ppjanar tal-politika u koordinazzjoni interistituzzjonali mtejba. Fil-livell tal-UE, il-Parlament Ewropew għandu rwol importanti fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RRF. Dan huwa muri mill-14-il Djalogu dwar l-Irkupru u r-Reżiljenza u l-34 laqgħa tal-grupp ta' ħidma li saru s'issa mal-Parlament Ewropew. Sabiex tkompli żżid il-viżibbiltà u t-trasparenza tal-RRF, il-Kummissjoni nediet mappa interattiva ta' proġetti appoġġati mill-RRF f'kull Stat Membru²².

L-involviment tal-awtoritajiet reġjonali u lokali, is-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra huwa fattur ewlieni fl-ippjanar u fl-implimentazzjoni tal-miżuri tal-RRP. Filwaqt li r-Regolament RRF jirrikjedi li l-Istati Membri jinkludu informazzjoni dwar il-konsultazzjonijiet imwettqa meta jabbozzaw l-RRPs nazzjonali tagħhom, il-livell u l-forma tal-involviment ta' dawn il-partijiet ikkonċernati jiddependu fuq l-oqfsa legali nazzjonali u jistgħu jvarjaw b'mod sinifikanti minn Stat Membru għal ieħor. Flimkien mal-awtoritajiet nazzjonali, li jassumu r-rwol ewlieni ta' koordinazzjoni u sorveljanza taħt il-kuntest legali attwali, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, kif ukoll is-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati oħra, ukoll għandhom rwol kruċjali x'jaqdu. L-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi s-sħab soċjali, kienu qed jindikaw l-involviment insuffiċjenti tagħhom fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-miżuri inklużi fl-RRPs. Filwaqt li dan jista' jiġi spjegat parzjalment bil-ħtieġa ta' ħeffa fit-tfassil tal-RRPs f'kuntest ta' kriżi, huwa kruċjali li, fil-futur, l-involviment mill-qrib tagħhom jappoġġa s-sjieda u l-implimentazzjoni fil-prattika. Pereżempju, is-sħab soċjali għandu jkollhom rwol ċentrali fl-implimentazzjoni tar-riformi tas-suq tax-xogħol u tal-politika soċjali.

Hija meħtieġa biżżejjed flessibbiltà fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-RRPs biex jiġi żgurat valur miżjud kontinwu u implimentazzjoni bla xkiel. Taħt l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-

²² https://commission.europa.eu/business-economy-euro/economic-recovery/recovery-and-resilience-facility_en#map

RRF, l-Istati Membri appellaw għal aktar flessibbiltà fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet tagħhom. Pereżempju, l-Istati Membri sabu d-definizzjoni ta' stadji importanti u miri dettaljata wisq u l-kompożizzjoni fissa ta' gruppi ta' stadji importanti u miri għal kull pagament parzjali riġida wisq, b'mod partikolari fejn ċirkostanzi mhux previsti jħallu impatt fuq l-implimentazzjoni ppjanata oriġinarjament. Dan jista' jikkawża dewmien fl-implimentazzjoni u piż amministrattiv għall-partijiet kollha involuti.

Il-Kummissjoni agħixxiet malajr fuq rakkomandazzjonijiet li t-trasparenza fl-implimentazzjoni tal-RRF tissaħħaħ. F'konformità mar-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Parlament Ewropew u mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-Kummissjoni, bl-għajjnuna tal-Istati Membri, użat l-opportunità tar-reviżjonijiet tal-pjanijiet fl-2023 biex tiċċara d-definizzjoni tal-istadji importanti u l-miri, fejn rilevanti u meħtieġ. Fl-2023, il-Kummissjoni ppubblikat ukoll²³ il-metodoloġija tagħha għall-valutazzjoni tal-istadji importanti u l-miri, għas-sospensjoni parzjali tal-pagamenti u għat-treġġiġh lura²⁴ tal-istadji importanti u tal-miri biex tiċċara l-applikazzjoni tagħha tar-Regolament RRF u tipprovdi lill-Istati Membri b'aktar sensibilizzazzjoni. Filwaqt li l-gwida addizzjonali ntlaqgħet tajjeb, huma meħtieġa aktar riflessjonijiet dwar jekk jistax isir aktar f'dan ir-rigward.

Ir-reviżjonijiet tal-RRPs jistgħu jkunu jirrikjedu ħafna riżorsi, iżda l-aġġustamenti li kienu mmirati ġew ipproċessati malajr. B'mod ġenerali, ir-reviżjonijiet jitqiesu bħala kkomplicati mill-Istati Membri peress li jeħtieġu ġustifikazzjoni estensiva kif ukoll approvazzjoni mill-Kunsill, u b'hekk ikunu ta' piż fuq il-flessibbiltà tal-istrument. Madankollu, sakemm ikunu mmirati, dawn jistgħu jitwettqu relattivament malajr. Ir-reviżjonijiet tal-RRP tal-Ġermanja u tal-Lussemburgu, pereżempju, ġew ivvalutati mill-Kummissjoni u approvati mill-Kunsill f'xahrejn. Dan l-approċċ immirat jista' jiġi replikat fil-futur biex iwieġeb fil-pront għal sfidi ġodda ta' implimentazzjoni filwaqt li jżomm l-ambizzjoni tal-pjanijiet intatta u jkompli jikkonforma mar-rekwiżiti tar-Regolament RRF.

Għandhom jitkomplew l-isforzi biex titjieb il-kapaċità amministrattiva tal-Istati Membri u tal-korpi ta' implimentazzjoni. Xi Stati Membri esperjenzaw diffikultajiet biex itaffu ż-żieda fl-ammont ta' xogħol tal-amministrazzjonijiet sa mill-bidu tal-RRF. It-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva tal-Istati Membri jibqa' essenzjali. Huwa kruċjali li jiġi żgurat li l-Istati Membri jkunu jistgħu jaħsdu l-benefiċċji ekonomiċi u soċjali tal-RRF u ta' fondi oħra tal-UE u jikkontribwixxu biex jiżdied l-assorbiment. L-Istati Membri talbu u rċevew appoġġ mill-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (TSI), kemm għat-tfassil kif ukoll għall-implimentazzjoni tal-kapitoli tagħhom tal-RRPs u tar-REPowerEU. Aktar minn 400 proġett approvati skont it-TSI huma marbuta mat-tnejn jew l-implimentazzjoni tal-RRPs tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni se tkompli tipprovdi appoġġ u pariri lill-Istati Membri biex jindirizzaw kwistjonijiet ta' kapaċità amministrattiva u ostakli għall-investiment. Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni ħeġġet lill-Istati Membri jinkludu fl-RRPs tagħhom aktar miżuri ta' appoġġ biex jiffaċilitaw il-ġestjoni ta' kuljum tal-istrument (eż. persunal temporanju, taħriġ, sistemi ġodda tal-IT) u jtejbu l-effiċjenza tal-amministrazzjonijiet pubbliċi (eż. ir-riforma tal-akkwist pubbliku fis-Slovakkja u l-proċeduri għall-għoti ta' permessi fil-Polonja; id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet u l-proċessi fi Spanja).

²³ [Komunikazzjoni L-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza - Il-Kummissjoni Ewropea \(europa.eu\)](https://ec.europa.eu/economy_finance/communication-2023-01-10_en)

²⁴ [COM_2023_545_2_annex2_EN.pdf \(europa.eu\)](https://ec.europa.eu/economy_finance/com_2023_545_2_annex2_en.pdf)

2.4. L-RRF hija l-ewwel strument ewlieni bbażat fuq il-prestazzjoni fil-livell tal-UE

Mingħajr preċedent fl-iskala u fl-ambizzjoni, l-RRF tiżborża fondi bbażati fuq kisbiet konkreti, u b'hekk issir l-ewwel strument fuq skala kbira bbażat fuq il-prestazzjoni fil-livell tal-UE. Minflok ma jitqiesu l-kostijiet imġarrba għall-implimentazzjoni tal-proġetti, bħal fi strumenti bbażati fuq il-kostijiet, il-fondi jiġu żblukkati mal-kisba tal-istadji importanti u l-miri, li jirrappreżentaw passi konkreti fl-implimentazzjoni tar-riformi jew l-investimenti mill-Istati Membri, b'approċċ ibbażat fuq ir-riżultati jew, kif jissejjaħ ukoll, approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni.

Dan l-approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni huwa kruċjali għall-effettività tal-RRF, filwaqt li jiżgura t-twassil ta' riżultati tanġibbli fil-prattika. Il-firxa wiesgħa ta' stadji importanti u miri tippermetti l-monitoraġġ effettiv tal-implimentazzjoni tal-RRPs, peress li jsegwu ċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tal-miżuri appoġġati mill-RRF²⁵. L-approċċ jippermetti wkoll żborżi ta' fondi mal-kisba ta' passi intermedji fir-riformi u l-investimenti, filwaqt li jippremja l-progress lejn ir-riżultati u l-“prestazzjoni” reali fil-prattika. Għaldaqstant, l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tenfasizza li minħabba li l-RRF tippremja l-progress matul il-proċess, l-iżborżi huma aktar rapidi meta mqabbla ma' strumenti oħra tal-UE. B'mod kruċjali, dan l-approċċ jipprovdi wkoll inċentivi effettivi għall-Istati Membri biex iwettqu r-riformi, li mhux neċessarjament jiġu b'kostijiet (finanzjarji).

Il-finanzjament ibbażat fuq il-prestazzjoni jżid il-koerenza u l-prevedibbiltà tal-infiq tal-UE. In-natura bbażata fuq il-prestazzjoni tal-RRF għebet approċċ aktar olistiku għall-infiq pubbliku, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE. L-għoti ta' appoġġ finanzjarju dirett meta jintlaħqu l-istadji importanti u l-miri jrendi impenji u inċentivi biex titwettagħ l-implimentazzjoni reali tal-miżuri miftiehma. Barra minn hekk, l-RRPs jistgħu jitqiesu bħala ftehimiet kuntrattwali bejn l-Istati Membri u l-UE fejn iż-żewġ partijiet jimpenjaw ruħhom volontarjament abbażi ta' impenji ċari. Fil-kuntest tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-RRF, il-partijiet ikkonċernati nnutaw li l-approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni żied il-prevedibbiltà u l-obbligu ta' rendikont. Ir-riżultati speċifiċi li għandhom jinkisbu huma stabbiliti b'mod ċar minn qabel (fid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill), li jsaħħu l-kapaċità tal-Istati Membri li jipplanaw minn qabel. L-approċċ jirrikjedi speċifikazzjoni adegwata tal-istadji importanti u l-miri li tevita ambigwitażijiet rigward il-proċess ta' implimentazzjoni u l-miżuri miftiehma. B'mod ġenerali, dawn il-karatteristiċi jirrappreżentaw bidla fl-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-politika kif ukoll fl-infiq tal-UE b'mod aktar wiesa': il-fokus tal-infiq jiġi ttrasferit mill-kostijiet imġarrba għar-riżultati reali u t-tweġġ tal-miżuri miftiehma.

2.5. Is-sistema ta' rapportar u kontroll tal-RRF se tkompli teħtieġ appoġġ u aġġustamenti

Minkejja l-karatteristiċi pożittivi tal-approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni, l-RRF ħolqot kostijiet tad-dħul għall-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri, b'lok għal aktar simplifikazzjoni amministrattiva. Fir-rigward tat-tfassil tal-istrument, ir-rekwiżiti għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni wasslu għal ammont simili ta' xogħol amministrattiv bħal dak għal fondi oħra tal-UE li huma bbażati fuq il-kostijiet. Dan minħabba li minbarra l-evidenza meħtieġa biex jiġi ppruvat l-ilħuq tal-istadji importanti u tal-miri, l-Istati Membri jeħtieġ li jiġbru tipi differenti ta' data għal skopijiet ta' awditjar u kontroll. Bħala strument ġdid, l-RRF ħolqot kostijiet tad-dħul għall-amministrazzjonijiet nazzjonali, u l-awtoritażijiet tal-Istati Membri fil-livelli kollha sabu l-proċeduri

²⁵ Barra minn hekk, ir-Regolament RRF jintroduċi l-kunċett ta' indikaturi komuni, li jiżdiedu mal-istadji importanti u l-miri u li l-għan tagħhom huwa li jirrapportaw dwar il-prestazzjoni ġenerali u l-progress tal-Faċilità lejn l-oġġettivi tagħha. L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu enfassizzat dgħufijiet fit-tfassil tal-indikaturi komuni tal-RRF, li għandhom jitqiesu fir-riflessjoni dwar strumenti futuri bbażati fuq il-prestazzjoni.

tal-awditjar u tal-kontroll kumplessi wisq. Barra minn hekk, l-Istati Membri lmentaw dwar awditi li jikkoinċidu mill-awtoritajiet nazzjonali, il-Kummissjoni u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Din il-perċezzjoni setgħet għet aggravata mill-implimentazzjoni tal-RRF simultanjament mal-fondi tal-politika ta' koeżjoni, li jsegwu regoli differenti u jiddependu, fil-biċċa l-kbira, fuq kontrolli bbażati fuq il-kostijiet. Il-qafas kumpless tal-awditjar u tal-kontroll affettwa b'mod negattiv il-ħeffa tal-implimentazzjoni tal-RRF. L-identifikazzjoni ta' oqsma potenzjali ta' simplifikazzjoni f'dan ir-rigward tibqa' prijorità għall-Kummissjoni, inkluż billi titqies il-ħidma bir-reqqa ħafna mwettqa qabel ma jiġu awtorizzati l-iżborżi, biex jiġi vverifikat l-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri. Dan jeħtieġ li jiġi bbilanċjat, madankollu, mal-imperattiv li l-fondi tal-UE jiġu ġestiti b'mod xieraq biex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u tiġi żgurata t-trasparenza dwar kif jiġu implimentati l-fondi, speċjalment minħabba d-daqs tal-istrument u n-natura ġdida tal-approċċ.

3. L-RRF se tkompli tagħti rżultatati fit-tieni nofs tal-ħajja tagħha

Il-RRF kienet rispons effettiv għall-impatt ekonomiku u soċjali bla preċedent tal-pandemija tal-COVID-19. Dan kien vitali fil-protezzjoni tas-suq uniku, filwaqt li jiġu evitati diverġenzi ekonomiċi akbar fl-UE, titħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, u biex l-Istati Membri jiġu meġġuna jittrasformaw l-ekonomiji tagħhom biex jagħmluhom adatti għall-futur. L-RRF kienet kontributor ewlieni għal-livelli oġġla ta' investiment pubbliku matul u wara l-pandemija, u l-istabbiliment tagħha kkostitwixxa bidla gradwali fil-kapaċità tal-UE li ttrrispondi għall-kriżijiet ekonomiċi. L-RRF tikkontribwixxi wkoll għat-tisħiħ tal-kompetittività fit-tul u l-awtonomija strateġika tal-Ewropa.

Il-RRF għebet approċċ aktar olistiku għall-infiq tal-UE. Il-RRF tħallas abbażi tal-progress u r-riżultatati miksuba, aktar milli abbażi tal-kostijiet imġarrba, u dan jipprovdri prevedibbiltà u akkontabbiltà kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-Kummissjoni. Il-konsultazzjonijiet imwettqa taħt l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu juru li hemm appoġġ wiesa' għal strumenti bbażati fuq il-prestazzjoni fil-livell tal-UE. Dan l-approċċ għall-infiq tal-UE diġà ispira programmi ġodda ewlenin, bħall-Fond Soċjali għall-Klima u l-Faċilità għall-Ukrajna. Minn din il-perspettiva, in-natura bbażata fuq il-prestazzjoni tal-RRF se tkun punt ta' referenza fid-diskussjonijiet dwar l-istrumenti ta' nfiq tal-UE fid-dawl tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss, u din l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tipprovdri bażi rilevanti biex jinsiltu xi tagħlimiet meħuda.

L-introduzzjoni rapida u l-iżborżi rapidi taħt l-RRF juru l-kapaċità tagħha li tappoġġa lill-Istati Membri fi żminijiet ta' kriżi, filwaqt li l-inċentiv qawwi għall-implimentazzjoni tar-riformi jgħin lill-ekonomiji u lis-soċjetajiet tagħna jsiru mġammra aħjar għall-futur. L-RRF qed turi li hija għodda ewlenija għat-twettiq tal-ħtiġijiet ta' riforma li ilhom jeżistu f'ħafna Stati Membri, u l-kombinazzjoni ta' riformi u investimenti fi strument uniku wieħed tippermetti ppjanar aħjar, sinerġiji, u azzjoni aktar koerenti f'konformità mal-prioritajiet tal-UE u dawk nazzjonali.

It-tieni nofs tal-ħajja tal-RRF issa beda u l-implimentazzjoni għandha taċċellera. It-twettiq tar-riformi u l-investimenti ambizzjużi sal-2026 se jirrikjedi sforzi sinifikanti u dedikazzjoni kontinwa mill-Istati Membri kollha u mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni se tkompli tikkunsidra modi kif tkompli tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet tagħhom u se tfittex li ttejjeb il-komplementarjetà fost l-għodod ta' finanzjament tal-UE u bejn dawk l-għodod u l-baġits nazzjonali. Filwaqt li l-bidliet leġiżlattivi ma jidhrux xierqa f'dan l-istadju, se titqies azzjoni ulterjuri fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament RRF biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni.

Jeżistu l-elementi kollha biex jiġi żgurat li l-RRPs jikkontribwixxu għat-twettiq tal-irkupru ekonomiku u l-modernizzazzjoni tal-UE. F'ħafna każijiet, ir-riformi u l-investimenti inklużi f'kull pjan diġà qed jagħmlu differenza reali u deġġema fil-prattika. Ir-reviżjonijiet tal-pjanijiet stabbilew il-pedamenti għal aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni tagħhom. B'dan il-mod, l-aġenda ta' riforma u investiment tal-RRF qed tgħin biex tinholq UE aktar moderna, prospera, inklużiva, newtrali għall-klima u sostenibbli li tkun reżiljenti u mħejjija aħjar għal opportunitajiet u sfidi futuri. Dawn l-għanijiet għandhom jintlaħqu flimkien, permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn l-istituzzjonijiet kollha tal-UE, l-Istati Membri, is-soċjetà ċivili, il-ħaddiema u n-negozji.